MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 237/2012

**Dr Stanley Portelli**
**(ID 163472M)**

**vs**

**Alexander Farrugia**
**(ID 160878M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fis-17 ta' Lulju 2012 mir-rikorrent fejn, filwaqt illi ghamel refereza ghar-ritratt u l-kitba stampata illi dehret fuqu fl-ewwel faccata tal-harga ta' 'It-Torca' tat-8 ta' Lulju 2012, talab lill Qorti tiddikjara illi tali ritratt u kitba ippubblikati fil-gazzetta, illi taghha l-intimat kien l-editur, kienu malafamanti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrent u li kellha skop li tnaqqas jew ittellef ir-reputazzjoni tieghu filwaqt illi talab lill-Qorti tikkundanna lill-istess intimat ihallsu danni kif stabbiliti fil-Kap 248.

Rat l-pubblikazzjoni meritu tal-kawza odjerna kif ukoll ir-ritratt fuq nofs il-faccata tal-gazzetta bir-ritratt tar-rikorrent u bi kliem kbar fl-istess ritratt bil-kliem 'INVESTIGAZZJONI'.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fl-14 ta' Settembru 2012 fejn l-intimat sahaq illi ma kien hemm xejn injurjuz fil-konfront ta' l-attur fl-artikolu illi kien hemm biss fatti u kummenti li kullhadd hieles li jesprimi fehtm kif ihossu hu.

Semghet ix-xhieda ta' **Stanley Portelli** moghtija fid 9 ta' Novembru 2012 u fit 22 ta' April 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami tar-rikorrent mogthija fit 12 ta' Lulju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Alexander Farrugia** moghtija fit 12 ta' Lulju 2013 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta' Alexander Farrugia mogthija fis 7 ta' Marzu 2014.

Rat illi fit 2 ta' Mejju 2014 il-kawza giet differita ghal finali trattazzjoni.

Rat illi fit 30 ta' Mejju 2014 il-kawza giet differita ghas-sentenza wara l-abbli difensuri tal-partijeit itrattaw il-kaz.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda artikolu illi deher fil-faccata tal-gazzetta it-Torca kif ukoll fit-tielet pagna ta' l-istess gazzetta. Fl-ewwel faccata tal-gazzetta kien hemm ritratt kbir ta' wicc ir-rikorrenti fuq nofs il-faccata tal-gazzetta, li dak iz-zmien kien is-CEO tat-Transport Malta bil-kliem f'tipi kbar taht 'INVESTIGAZZJONI'. Mal gemb, imbghad kien hemm il-kliem "*Il-kaz jittratta x-xiri ta' ghaxar karozzi*" u "*Persuna fil-kumitati ta' tmexxija ta' TM huwa ufficjali ta' kumpannija li minghandha nxtraw il-karozzi*".

Fit-tielet pagna, imbghad, hemm artikolett fejn jinghad illi gewwa Transport Malta qed issir investigazzjoni dwar il-mod kif inxtraw ghaxar karozzi u dana peress illi seta kien hemm kunflitt ta' interess dovut ghal persuna illi kienet f'wiehed mill-kumitati tat-Transport Malta filwaqt illi kellha wkoll kumpannija minghand min inxtraw tali ghaxar vetturi. L-artikolett ikomlli jghid illi "*din mhix l-ewwel darba illi fi Transport Malta qamu dubji dwar kif jitmexxa l-process tal-ghoti tat-tenders. Bosta xhur ilu konna rrapportajna kif il-Kap Ezekuttiv Stanley Portelli kien urta mhux ftit lill-membri tal-bord li jiggudika s-sejhiet ghall-offerti li tohrog din l-awtorita'.*"

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-fatti kif prodotti quddiem dina l-Qorti, illi Transport Malta kienet harget sejha ghall-offerti biex tixtri ghaxar vetturi u fosthom kienet saret offerta minn kumpannija Meridian Enterprises Co Ltd illi taghha kienet direttrici persuna illi kellha ukoll posizzjoni ta' membru fi hdan wiehed mill-kumitati tat-Transport Malta.

Jirrizulta, mill-provi prodotti u mhux mill-artikolu miktub mill-intimat illi, fi hdan it-Transport Malta kien hemm erbgha 'supervisory committees', illi wiehed minnhom kien il-'Maritime Affairs Committee', u fuq dana il-kumitat kien hemm bhala membri Francesca Mamo.

Jirrizulta illi Francesca Mamo hija wkoll direttur fil-kumpannija Meridian Enterprises Co Limited, li kienet ghamlet offerta ghax-xiri ta' ghaxar Hyundai i20 li eventwalment inxtraw mit-Transport Malta.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mix-xhieda ta' l-intimat, illi ma kienx ikkontestat illi ir-rikorrenti ma kien bl-ebda mod involut f'tali investigazzjoni jew allegazzjoni dwar xiri ta' vetturi.

Jirrizulta wkoll illi r-raguni ghaliex wicc ir-rikorrent tqieghed fuq il-faccata ta' l-artikolu bil-kliem "investigazzjoni" taht kien dovut ghal fatt illi r-rikorrent kien il-Kap Ezekuttiv tat-Transport Malta u, la darba r-rikorrent ghalhekk kien assocjat ma' Transport Malta u kien hemm investigazzjoni interna fi hdan it-Transport Malta, ghalhekk kien opportun illi jitqieghed wicc ir-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Kif intqal fil-kawza '**Vincent Borg vs Victor Camilleri**' deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil 15 ta' Novembru 1994,il-qrati iridu jassikuraw li jkun hemm bilanc bejn

> *il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"*

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ewropea fil-kawza **Fresos & Roire vs France** kienet qalet

> *"the press plays an important role in a democratic society, although it must not overstep certain bounds, in particular in respect of reputation and rights of others. People exercising freedom of expression including journalists undertake duties and responsibilities."*

Tali drittijiet u obbligi fuq il-gurnalist gew ri-affermati mill-Qorti Maltij meta, fil-kawza **Caruana v. Mifsud**, deciza fl-24 ta' Settembru 2004, intqal:

> *"Il-liberta` ta' espressjoni m'hijiex xi licenzja li wiehed ighid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa suggett ghal certu kundizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil- kaz Bladet Tromso and Stensaas v. Norway (20 ta' Mejju 1999) il-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:*
>
> *"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the article the exercise of this freedom carries with it "duties and "responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"...by reason of "duties and*

> *responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism." (para 65)*

Kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** fit-23 ta' Marzu, 2009,

> *"f'kawzi bhal prezenti, u cioe f'kawza ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt f'socjeta' demokratika li wiehed jghid u jesprimi ruhu u jsemmi l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta' kull cittadin li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika."*

Il-Qorti tal-Appell, imbghad, fl-istess kawza deciza fit-3 ta' Frar, 2012 ziedet tghid li

> *"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

**Ikkunsidrat**

Filwaqt illi l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-gurnalizmu investigattiv ghandu jigi mheggeg u protett fl-ahjar interess tal-pubbliku in generali, sahqu wkoll illi anke jekk ikun hemm xi allegazzjoni li ma tibqax ippruvata, sakemm jirrizulta illi huwa dovut ghal zball genwin, dana ghandu jigi protett mill-Qrati.

L-istess, madanakollu, ma jghoddx meta l-gurnalizmu jonqos mid-dover tieghu lejn ic-cittadin u il-qarrej fejn, ghal ragunijiet totalment estraneji mill-gurnalizmu izda dettati minn veduti politici, l-gurnalist jabbuza mill-fiducja moghtija lilu mill-qarrej sabiex jiskredita r-reputazzjoni ta' persuna ghal ragunijiet unikament politici.

Dana qieghed jinghad ghax, fil-kaz odjern, johrog car daqs il-kristall illi l-intimat, bhala editur tal-gazzetta, ippremetta li l-gazzetta tieghu tippubblika ritratt tar-rikorrent fuq nofs il-gazzetta fil-faccata taghha u, taht tali ritratt, jitnizzlu l-kliem 'INVESTIGAZZJONI' b'insiwazzjoni, ghalhekk, illi ir-rikorrent qieghed jigi investigat, mentri attwalment minn imkien ma gie ippruvat illi kien r-rikorrent li kien qed jigi investigat u gie anke ammess mill-istess intimat illi ma kienx ir-rikorrent li kien qed jigi investigat izda kaz ta' possibbli kunflitt ta' interess f'sotto kumitat fi hdan it-Transport Malta.

Dana qieghed jinghad ghax, ghalkemm, fil-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, jirrizulta illi l-bazi ta' l-artikolu kien il-fatt illi kumpannija li tbiegh vetturi ta' certa Francesca Mamo kienet inghatat kuntratt ta' xiri ta' ghaxar vetturi filwaqt l-istess Francesca Mamo kienet direttur fuq wiehed mill-kumitat tat-Transport Malta, imkien, fl-artikolu li hemm fit-tielet pagna, ma tissemma Francesca Mamo - l-unika persuna illi tissemma fl-artiklu huwa ir-rikorrent.

Ma hemm ebda dubju ghal dina l-Qorti illi l-mod kif gie riprodott ir-ritratt tar-rikorrent fil-faccata tal-gazzeta bil-kliem 'INVESTIGAZZJONI' tahtha kien attentat car da' parte tal-gazzetta mmexxija mill-intimat bhala editur sabiex jiskredita u jnaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent u ghalhekk ghandu jitqies bhala malafamanti u libelluz fil-konfront tar-rikorrent.

Il-Qorti tosserva illi, bhala Kap Ezekuttiv tat-Transport Malta, ir-rikorrent kien soggett ghall-iskrutinju pubbliku u anke kritika ta' l-istess pubbliku ghal dak illi jaghmel hu jew it-Transport Malta, illi taghha huwa kien responsabbli. Madanakollu, il-livell ta' kritika ghandha tkun wahda accettabbli fis-socjeta taghna, u ma tistax titqies fl-istess kategorija tal-livell ta' kritika illi ghandhom il-politici.

Kif intqal fil-ktieb ta' Odgers **The Law of Libel and Slander**

> *The law looks at the tendency and the consequences of the publication, not at the intention of the publisher, if he has published words which have in fact injured the plaintiff's reputation he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act".*

Fil-kaz odjern, huwa car illi l-konsegwenzi illi gab l-artikolu ippubblikat mill-intimat kienu tali illi naqqsu ir-reputazzjoni ta' l-istess rikorrent u huwa car ukoll illi kienet l-intenzjoni ta' l-intimat sabiex inaqqas u jtellef ir-reputazzjoni ta' l-intimat.

**Ikkunsidrat**

Ghall-fini tal-iffissar tad-danni l-**Artikolu 28(1) tal- Kap 248** ihalli diskrezzjoni wiesgha u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal- kaz u l-gravita` tieghu kif premess, il-Qorti tiffissa d-danni fl-ammont ta' hamest elef euro (€5,000)**.**

**Konkluzjoni**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-istess intimat immalafama lill-attur bir-ritratt u kliem ippubblikat fl-ewwel faccata tal-harga ta' 'It Torca' tat 8 ta' Lulju 2012; u

2. Tikkundanna konsegwentement lill-intimat ihallas lill-attur, l-ammont ta' hamest elef euro (€5000) li qed jigu likwidati minn dina l-Qorti ghal dan l- iskop ghat-tenur tal-artikolu 28(1) Kap 248.

Bl-ispejjez kontra l-intimat

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------